# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 48/17/1 BS**

**Paul Saliba u Lucia Saliba**

**v.**

**Dr Michael Portelli ; u b'digriet tal-25 ta' April 2024 ġew awtorizzati jintervjenu fl-atti tal-kawża in statu et terminis is-soċjetajiet GasanMamo Insurance Ltd (C5030) flimkien ma' Thomas Smith Insurance Agency Ltd (C5637) bħala aġenta ta' GasanMamo Insurance Ltd għal kull interess li jista' jkollha**

## PRELIMINARI:

1. Din il-kawża tirrigwarda inċident awtombilistiku li seħħ fil-21 ta'

Diċembru 2016 ġewwa Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex, bejn il-vettura *Hyundai Excel* bin-numru ta' reġistrazzjoni AAO-838 misjuqa mill-attur (fejn l-attriċi kienet riekba bħala passiġġiera) u l-vettura *Hyundai Tucson* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL-952 misjuqa mill-konvenut. L-atturi jsostnu li l-ħabta ġrat unikment tort tal-konvenut u għalhekk fid-19 ta' Ġunju 2017 għamlu din il-kawża kontrih fejn talbu li jiġi kkundannat iħallashom tad-danni konsegwenzjali allegatament sofferti minnhom (kemm *in linea* ta' *damnum emergens*, kif ukoll *in linea* ta' *lucrum cessans).*

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi, fejn ordnat lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni likwidati minnha fis-somma komplessiva ta' **€59,903.16**, *ossia*: €52,536.92 bħala *lucrum cessans* wara li qieset li l-attriċi kienet ġarrbet debilità totali ta' 12%, u €7,366.24 bħala *damnum emergens* (fejn €7,306.24 jirrappreżentaw l-ispejjeż marbuta mal-kura tal-attriċi u €60 jirrappreżentaw l-ispiża involuta sabiex il-vettura tiġi *scrapped*). Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

3. Fl-1 ta' Ġunju 2021 il-konvenut Dr Michael Portelli ippreżenta rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn sostna li riżultat ta' żball matematiku l-Ewwel

Qorti kienet illiwidat id-danni fl-ammont kumplessiv ta' €59,903.16 minflok **€14,530.31**[1]**.** Għalhekk abbażi tal-Art. 825(1) tal-Kap 12, talabha tikkorreġi tali żball. Ir-rikors fil-fatt intlaqa' mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Ġunju 2021 fejn ikkorreġiet l-iżball matematiku kif mitlub.

4. Fit-3 ta' Ġunju 2021 l-atturi interponew appell mis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2021 quddiem din il-Qorti tal-Appell, fejn talbuha sabiex (wara li tordna l-korrezzjoni fl-iżball matematiku inkors mill-Ewwel Qorti), tikkonfermaha fil-parti fejn il-konvenut instab responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u tbiddilha fil-parti tal-likwidazzjoni u *invece* takkorda kumpens iktar ġust; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut.

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi dawk il-partijiet mis-sentenza appellata li huma rilevanti għall-istess appell:

"**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul Saliba u Lucia Saliba illi ppremettew:**

1. Illi nhar il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tal-elfejn u sittax (21/12/2016), waqt li l-attur Paul Saliba kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Hyundai Excel, bin-numru ta' reġistrazzjoni AAO 838, fi Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex, hu kien involut f'inċident awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut tal-marka Hyundai Tucson, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL 952, meta safa investit mill-vettura tal-istess

[1] Peress li erronjament kienet ikkalkulat il-*lucrum cessans* bħala **€52,536.92** u mhux **€7,164.07**

konvenut.

2. Illi l-attriċi Lucia Saliba kienet passiġġiera fil-vettura tal-attur.

3. Illi dan l-inċident awtomobilistiku seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut, minħabba negligenza, traskuraġni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu.

4. Illi kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra danni fuq il-vettura tiegħu u kif ukoll sofra ġriehi fuq il-persuna tiegħu.

5. Illi kawża ta' dan l-istess inċident l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha.

6. Illi allura kawża ta' dan l-inċident l-atturi sofrew diversi danni, konsistenti kemm f'danni inġenti, kif ukoll f'lukri cessanti.

7. Illi l-atturi jridu jiġu kkompensati għal dawn id-danni, u minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jersaq għal xi likwidazzjoni.

8. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Paul Saliba, li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-inċident fuq imsemmi li seħħ fil-wieħed u għoxrin ta' Diċembru tal-elfejn u sittax (21/12/2016), fi Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Għawdex, seħħ unikament tort u ħtija tal-konvenut.

2. Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-atturi, u dan kemm fir-rigward ta' danni emerġenti, kif ukoll dawk lukri cessanti.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dawk id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż kollha nklużi dawn tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dottor Michael Portelli illi eċċepixxa:**

(1) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċhuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

(2) Illi l-inċident stradali ma kienx riżultat ta' negliġenza, traskuragni,

imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti iżda kien riżultat ta' kundizzjoni magħrufa bħala "aquaplaning" tar-roti tal-vettura, li wasslet sabiex il-vettura ma baqgħetx tirrispondi għall-kontroll tas-sewwieq tagħha;

(3) Illi per konsegwenza l-esponenti m'għandux jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

(4) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

(5) B'riferenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat l-esponenti jissenjala s-segwenti:

(a) L-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat mhumiex kontestati;
(b) Illi rigward il-kumplament tal-paragrafi tar-rikors ġuramentat dawn huma kontestati *stante* li ma jistax jitqies li l-inċident seħħ riżultat ta' negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti.

Rat il-provi u x-xhieda kollha.

*…omissis…*

**Ir-Relazzjoni Teknika redatta mill-Kirurgu Ortopediku Mr Carmel Sciberras**

Fis-17 ta' Mejju 2018, fuq inkarigu tal-Qorti, Carmel Sciberras eżamina lill-attriċi Lucia Saliba. Irriżulta illi l-attriċi "ġarrbet ksur gravi f'riġlejha x-xellugija" u dan affettwalha l-ġog tal-għaksa. Konsegwenza ta' dawn il-ġrieħi hija sofriet moviment ridott sew tal-irkobba kif ukoll tal-għaksa u l-mixi sar aktar diffiċli. Il-pins għadhom fir-riġel u għandhom jibqgħu hemm diment li ma jwasslux għal xi kumplikazzjoni. Il-ksur li sofriet fil-kustilji u l-għadma tal-għasfur tas-sider mhux jikkawżaw problemi sinifikanti.

L-attriċi ġiet ċertifikata bħala li ġarrbet **diżabilità permanenti ta' 10%**.

Fuq ordni tal-Qorti mogħtija b'digriet tat-3 ta' Jannar 2020, l-espert ortopediku reġa' nvista lill-attriċi. Irriżulta illi wara li sar l-ewwel eżami mill-espert ortopediku, l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ fl-għaksa x-xellugija li saħansitra baqgħet tintefaħ. Fis-7 ta' Jannar 2019 l-attriċi ssottomettiet ruħha għal CT scan tal-għaksa u fit-28 ta' Mejju 2019 għal artroskopija. Ġie kkonfermat illi kien hemm deġenerazzjoni qawwija fil-ġog. Tpoġġew żewġ viti sabiex jintrabat il-ġog u fil-31 ta'

Mejju 2019 l-attriċi ntbagħtet lura d-dar b'riġlejha fil-ġibs u damet sitt ġimgħat timxi bil-krozzi. L-attriċi kellha wkoll tibda tilbes tip ta' żarbun speċjali li setgħet tneħħih biss matul il-lejl, biex tinħasel u tgħum. Numru ta' ġimgħat wara bdiet tuża krozza waħda u n-nefħa bdiet nieżla wkoll. L-attriċi għada fi stat fejn teħtieġ għajnuna kontinwa, ssibha diffiċli tinżel it-taraġ u anki timxi.

Ikkonkluda illi d-deġenrazzjoni tal-ġog hija dovuta għall-ksur illi ġarrbet fl-inċident de quo. Jgħid għalhekk illi komplessivament l-attriċi ġarrbet **debilità permanenti ta' 12%** u ċioe żewġ punti perċentwali aktar minn dawk li kien ikkostata fl-ewwel relazzjoni tiegħu.

**Ir-Relazzjoni Teknika redatta mill-Psikjatra Dr Joseph Cassar**

Wara li fit-22 ta' Jannar 2019 eżamina lill-attriċi, ikkonstata illi hija tinsab issofri minn ansjeta' u nevrożi trawmatika (Post Traumatiċ Stress Disorder) b'rata ta' **diżabilità ta' 15%.**

**Ir-Relazzjoni *ex parte* redatta mill-Kosulent Ortopediku Mr Mark Portelli**

Wara li eżamina lill-attriċi nhar it-3 ta' Diċembru 2019 ikkonkluda illi hija għadha qegħda ssofri minn diżabilita' permanenti fl-għaksa x-xellugija. Din id-diżabilità hija konsegwenzjali għall-ġrieħi illi ġarrbet fl-inċident stradali tal-21 ta' Diċembru 2016. Jgħid għalhekk illi l-attriċi ġarrbet **diżabilita' permanenti ta' 18%.**

*…omissis…*

Il-Qorti diġà stabbiliet illi għall-inċident ta' llum jaħti unikament il-konvenut.

*…omissis…*

Għal dak illi jirrigwarda l-*lucrum cessans* jidher illi l-attriċi torbot il-pretensjoni tagħha mal-fatt illi għada impeduta milli tagħmel ix-xogħol tagħha fid-dar tant illi għal dan tiddependi fuq żewġha u fuq bintha. Torbot il-pretensjoni tagħha anki mal-fatt illi konsegwenza tal-inċident hija baqgħet tħossha psikoloġikament ħazin b'biża, ħolm ikrah, nuqqas ta' rqad u dwejjaq kbar.

Fil-każ ta' llum jidher illi l-vittma tal-inċident ġarrbet mhux biss ħsara fiżika iżda anki ħsara mentali.

*…omissis…*

F'dan ir-rigward, fejn ġew maħtura aktar minn espert mediku wieħed

sabiex jirrelataw dwar diversi aspetti tal-ħsara mġarrba mill-attriċi, il-Qrati Maltin addottaw is-sistema magħrufa bħal *whole person impairment* sabiex jiġi deċiż id-diżabilità totali mġarrba mill-vittma[2]. Fil-kamp tad-danni l-Qrati jgawdu minn diskrezzjoni wiesa' iżda meta tqis l-età, is-saħħa, il-limitazzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi li ġarrbet u li għad trid tibqa ġġarab, il-Qorti tqis illi l-attriċi ġarrbet perċentwali ta' **debilità totali** ta' tnax fil-mija (12%). Il-Qorti qieset ukoll illi l-qagħda psikologika tal-attriċi tjiebet mid-data tal-inċident il-quddiem tant illi mill-atti jirriżulta li qiegħda toħroġ u saħansitra anki ssuq meta tkun waħedha u qegħda wkoll torqod aħjar.

*…omissis…*

Fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti trid tistħarreġ il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* f'kuntest fejn l-attriċi hija mara tad-dar u ma kellhiex impjieg u li fiż-żmien tal-inċident kellha erbgħa u ħamsin (54) sena.

*…omissis…*

La darba x-xogħol tad-dar għandu valur ekonomiku u billi l-attriċi għandha tiġi meqjusa bħala l-persuna li tmexxi d-dar tagħha, il-Qorti tqis illi d-"dħul" tagħha għandu jiġi kkalulat skont il-paga minima nazzjonali li fiż-żmien tal-inċident de quo kienet bir-rata ta' €8,827.52[3].

Id-"dħul" tal-attriċi jeħtieġ illi jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-għoli tal-ħajja għal-perjodu kollu tal-*multiplier*[4]. Skont l-istatistika uffiċjali ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika r-rata tal-inflazzjoni fis-sena 2016 kienet dik ta' 0.64%[5].

Għar-rigward il-*multiplier,* fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtija fi żminijiet riċenti f'każijiet simili għal dak ta' llum, il-Qorti sejra taddotta multiplier ta' tmien (8) snin.

Dwar it-tnaqqis li jsir mis-somma minħabba *lump sum payment* il-Qorti tqis illi huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza li f'dawn ix-xorta ta' każijiet jiġi applikat tnaqqis ta' 20% peress li l-vittma tkun qegħda tiggwadanja minn ħlas ta' somma f'daqqa. Meta tiġi biex tapplika dan it-tnaqqis il-Qorti għandha tqis id-dekors ta' żmien bejn meta ġiet

---

[2] Ara: **Jo-Ann Stivala pro et noe v. Lorenza Dimech**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Ottubru 2013; **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited et**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 31 ta' Jannar 2014

[3] Skont informazzjoni uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fis-sena 2016 il-paga minima nazzjonali kienet fl-ammont ta' €169.76 fil-ġimgħa li jammontaw għal €8,827.52 fuq medda ta' sena (€169.76 x 52 = €8,827.52)

[4] **Joseph Galea v. Charles Fenech pro et noe**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Mejju 2001

[5] Prices (gov.mt)

intavolata l-kawża u meta tingħata s-sentenza. Fejn jirriżulta li jkun ddekorrew aktar minn sentejn, il-Qorti għandha tnaqqas żewġ punti perċentwali (2%) għal kull sena li damet biex tiġi deċiża l-kawża. M'għandu jkun hemm ebda riduzzjoni jekk id-dewmien ikun imputabbli għall-aġir tal-attur.

F'dan il-każ l-atturi ma tilfux ħin u waqt illi l-inċident seħħ fil-21 ta' Diċembru 2016, l-ewwel interpellazzjoni u l-intavolar tar-rikors ġuramentat saru kontestwalment fid-19 ta' Gunju 2017. Il-Qorti tifhem illi fiż-żmien ta' bejn li seħħ l-inċident u bejn l-ewwel interpellazzjoni l-attriċi kellha prijoritajiet aktar impellenti fuq xiex tpoġġi l-enerġija tagħha. Mill-atti jidher illi ma ntilef ebda żmien. Is-seduti nżammu b'mod regolari u l-partijiet kollha ħabirku sabiex ma jintilifx hin prezzjuż. Id-dewmien fl-għoti tas-sentenza huwa dovut unikament għall-kors naturali tal-proċeduri. Għalhekk sejra tapplika tnaqqis ta' 16% minħabba ħlas ta' *lump sum payment*.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ammont dovut lill-atturi bħala *lucrum cessans* sejjer jiġi kkalkulat hekk:

€8,827.52 (dħul nett) x 0.64% (inflazzjoni) = €8,884.02[6]
€8,884.02 x 8 (*multiplier*) x 12% (debilita' permanenti) = €62,543.92
€62,543.92 - 16% = **<u>€52,536.92</u>**

Għal dak illi jirrigwarda d-*damnum emergens*, l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk:

***"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali…"***

F'dan il-kuntest l-atturi ressqu għadd ta' riċevuti li jixhdu spejjeż konsistenti f'xiri ta' mediċini u apparat speċjalizzat, eżamijiet mediċi, fiżjoterapija, konsulenzi, rapport mediku u saħansitra spejjeż b'rabta ma' intervent kirurġiku li l-attriċi għamlet fi sptar lokali privat.

Il-Qorti għarblet l-irċevuti sottomessi bir-reqqa u biċ-ċirkospezzjoni kollha mistħoqqa. Tqis illi għalkemm il-konvenut għażel illi ma jikkontestax dawn l-irċevuti u l-veriċita' tagħhom, dan minkejja l-fatt li ebda waħda mill-irċevuti ma ġiet maħlufa, hemm riċevuti li dwarhom il-Qorti għandhom dubju sejru kemm dawn huma relatati mal-ġrieħi mġarrba mill-attriċi. Tagħmel referenza għal 'Dok. AS4' a fol 92 li

[6] €8827.52 (dhul nett) x 0.64% (inflazzjoni) = €56.50. L-ammont ta' €56.50 magħdud mad-dhul nett iwassal għat-total ta' €8884.02.

jirrappreżenta riċevuta fiskali maħruġa minn Sokkors Pharmacy fl-10 ta' Jannar 2017. Din l-irċevuta tirrappreżenta spejjeż għax-xiri ta' mediċini bl-isem Ativan Tabs u Xanax Tabs ammontanti din l-ispiża għat-total ta' €14.24. Dawn il-mediċini jintużaw fil-kura psikjatrika. Mill-atti jirriżulta illi ġa minn għaxar snin qabel l-inċident, l-attriċi kienet qegħda tirċievi kura, inkluż permezz tal-mediċini, minħabba depressjoni. Għalkemm huwa minnu li l-attriċi ġarrbet trawma konsegwenza tal-inċident, l-ewwel ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward iġġib id-data tal-14 ta' Mejju 2018 b'ċertifikat iffirmat mill-psikjatra Dr Anton Greċh waqt illi t-tieni ċertifikat inħareġ mill-psikjatra Dr Joseph Spiteri fl-4 ta' Diċembru 2018. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt illi l-inċident kien wieħed trawmatiku għall-attriċi biss għalkemm din damet rikoverata l-isptar għal tlett ġimgħat ma tirriżulta ebda referenza għal problemi ta' natura psikjatrika jew psikoloġika relatati direttament mal-inċident. Tqis għalhekk illi ma ġiex ippruvat illi l-akkwist tal-mediċini fuq indikati immedjatament wara li l-attriċi ħarġet mill-isptar għandu ness mal-inċident de quo. Għalhekk tqis li dan l-ammont ma ġiex ippruvat.

Ġiet esebita wkoll riċevuta mahruga mingħand 'The Photoshop'. Il-Qorti ma tista' ssib ebda ness loġiku bejn din l-irċevuta u l-ġrieħi mġarrba mill-attriċi għalhekk lanqas din l-ispiża ma tirriżulta ppruvata.

L-atturi ppreżentaw ukoll riċevuta maħruġa mill-konsulent ortopediku Mr Raymond Aquilina. Din l-irċevuta ġġib id-data tat-28 ta' Awissu 2017 u fuqha hemm indikat l-ispiża ta' €160 relattiva din għal '*Medical Report'*. Huwa minnu, kif jirriżulta mill-atti, illi l-attriċi ħadet l-opinjoni ta' diversi esperti dwar il-ġrieħi li sofriet, madanakollu, mill-atti ma jirriżulta ebda rapport redatt mill-konsulent imsemmi. Għaldaqstant, din l-ispiza ma tirriżultax ippruvata.

Lanqas ma jirriżultaw ippruvati l-ispejjeż indikati fl-irċevuti maħruġa minn Tony's Pharmaċy permezz ta' żewġ riċevuti separati wahda tat-30 ta' Diċembru 2016 u l-ohra tal-10 ta' Jannar 2017. Iż-żewġ irċevuti jindikaw li l-ispiża hija marbuta ma' 'Goods' iżda mhux magħruf dawn il-'goods' x'inhuma u wisq anqas huwa ppruvat li dawn il-'goods' għandhom xi ness mal-ġrieħi mġarrba mill-attriċi. Kien jinkombi fuq l-atturi illi jagħmlu l-prova sħiħa tal-ispejjeż li dwarhom jippretendu rifużjoni. La darba din il-prova ma saritx il-Qorti ma tistax sempliċement tassumi li dawn huma spejjeż inkorsi konsegwenza tal-inċident anki għaliex tali preżunzjoni tista' tabilhaqq toħloq preġudizzju fil-konfront tal-konvenut li jiġi akkollat spejjeż li għalihom ma jġorr ebda ħtija.

Għal dak illi jirrigwarda l-bqija tal-irċevuti ppreżentati mill-atturi, tajjeb jingħad illi dawn l-irċevuti ġew ippreżentati f'okkażjonijiet differenti permezz ta' nota izda l-ebda dokument ma ġie ġuramentat.

Madanakollu, wara li qabblet dawn l-irċevuti max-xhieda mogħtija mill-esperti mediċi, tenut kont tal-fatt illi dawn l-ammonti ma ġewx kontestati u li l-attriċi bil-ġrieħi li soffriet neċessarjament kellha bżonn kura estensiva, fiżjoterapija, mediċini u appartat speċjali, il-Qorti hija sodisfatta illi dawn l-irċevuti huma lkoll marbuta mal-inċident u għalhekk l-atturi għandhom jedd għal rifuzjoni ta' dawk l-ispejjeż li magħduda lkoll flimkien jammontaw għas-somma ta' **<u>€7,306.24.</u>**

Dan għandu jgħodd ukoll għall-ispejjeż relattivi għall-irmunkar tal-vettura u spejjeż amministrattivi ta' Transport Malta sabiex inharget iċ-ċertifikazzjoni li l-vettura ġiet scrapped. Għalkemm dawn l-irċevuti ma ġewx maħlufa, lanqas ma ġew ikkontestati. In ogni każ din kienet spiża inevitabbli għaliex il-vettura la setgħet tinstaq u wisq anqas tkompli tintuża. Għalhekk, dan l-ammont jirriżulta ppruvat. Din l-ispiża tlaħħaq it-total ta' **<u>€60.00.</u>**

Il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tiegħu l-attur isemmi li qabel l-inċident il-vettura kellha valur fis-suq ta' €950. Dwar dan ma tressqet ebda prova. La tressaq *survey report* u lanqas ċertifikat tal-assigurazzjoni tal-vettura li fuqu solitament ikun indikat il-valur tal-vettura fis-suq. Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi dan l-ammont ma ġiex ippruvat.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fost ir-rifużjoni għall-ispejjeż mitluba mill-atturi hemm ukoll spejjeż ġudizzjarji marbuta mal-proċediment ta' llum. Waqt illi dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' damnum emergens, jekk ikun il-każ dawn l-ispejjeż għandhom jitqiesu mat-talba tal-atturi għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji u għalhekk għandhom jidħlu bħala parti mit-taxxa ġudizzjarja tal-kawża.

Wara li ġew magħduda l-irċevuti rilevanti, jirriżulta li l-kumpens dovut bħala damnum emergens jammonta għas-somma komplessiva ta' **<u>€7,366.24</u>**.

Għalhekk, l-ammont totali in liwkidazzjoni ta' danni u ċioe, l-*lucrum cessans* magħdud mad-*damnum emergens* dovut lill-attur jammonta għas-somma komplessiva ta' **<u>€59,903.16.</u>**

**Decide**

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.

> Tilqa' t-tieni t-talba u tillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' **€59,903.16.**
>
> Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' disgħa u ħamsin elf, disa' mija u tlett ewro u sittax ewro ċenteżmu **(€59,903.16**).
>
> L-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 278/17 tad-19 ta' Gunju 2017 għandhom ikunu a karigu tal-intimat."

**<u>RIKORS TAL-APPELL TAL-ATTURI (03.06.2021):</u>**

6. L-aggravji tal-atturi huma, in suċċint, is-segwenti:

**(1) Żball matematiku:**

Fl-ewwel lok jaċċennaw għall-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet żball matematiku hi u tikkalkula l-ammont ta' danni dovuti lihom, in kwantu it-total kellu jkun ta' <u>€14,530.31</u> u mhux ta' <u>€59,903.16</u>. Jgħidu li għalkemm dan l-iżball huwa favur tagħhom huma fid-dmir li jissenjalawh.

**(2) Likwidazzjoni tad-danni:**

Fit-tieni lok ma jaqblux mal-mod kif l-Ewwel Qorti illikwidat id-danni, kemm *in linea* ta' *lucrum cessans*, kif ukoll *in linea* ta' *damnum emergens.*

(A) Dwar id-danni *in linea* ta' *lucrum cessans:*

(a) Jilmentaw bil-fatt li minkejja li kien hemm żewġ rapport mediċi fejn l-espert ortopediku ikkonstata diżabilità permanenti ta' 12% u l-espert psikjatriku ikkonstata diżabilità permanenti ta' 15%, il-Qorti qieset li kien hemm diżabilità permanenti totali ta' 12% biss.

(b) Jilmentaw ukoll bil-fatt li addottat *multiplier* ta' 8 snin fir-rigward tal-attriċi li kellha 54 sena meta seħħ l-inċident. Jenfasizzaw li bħala mara tad-dar l-attriċi ma tiqafx taħdem mal-età tal-pensjoni; isostnu li l-*multiplier* ma kellux ikun inqas minn 23 sena.

(c) Jargumentaw ukoll li d-danni ma kellhomx jinħadmu fuq il-paga minima fiż-żmien tal-inċident, iżda fuq il-paga minima fiż-żmien tal-likwidazzjoni.

(d) Jilmentaw ukoll bil-fatt li l-Ewwel Qorti applikat *lump sum payment deduction* ta' 16%. Jagħmlu aċċenn għal xi deċiżjonijiet riċenti fejn ġie ritenut li *in vista* tar-rati ta' mgħax baxxi li qegħdin jagħtu l-banek illum, m'għadx hemm lok ta' *lump sum payment deduction.*

(B) <u>Dwar id-danni *in linea* ta' *damnum emergens:*</u>

(a) Jilmentaw li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-kumpens li l-attriċi qiegħda tħallas lil bintha sabiex din tgħinha fix-xogħol tad-dar.

(b) Jilmentaw ukoll bil-fatt li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx ir-riċevuta maħruġa minn *The Photoshop*.

**<u>RISPOSTA TAL-KONVENUT GĦALL-APPELL TAL-ATTURI (05.07.2021):</u>**

7. Il-konvenut wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita konferma, hekk kif emendata bid-digriet tat-3 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu ġie korrett l-iżball matematiku. Bl-ispejjeż kontra l-istess atturi appellanti.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI DWAR L-AGGRAVJI TAL-ATTURI:</u>**

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**: (l-iżball matematiku)

8. L-ewwel aggravju dwar l-iżball matematiku huwa llum sorvolat

*stante* li l-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju 2021 ikkoreġietu u ddikjarat li l-ammont ta' danni kif likwidati minnha huwa ta' **€14,530.31** u mhux ta' €59,903.16.

**It-tieni aggravju**: (il-kwantum tad-danni)

9. Din il-Qorti issa ser tgħaddi biex tqis il-lanjanzi tal-atturi relattivi għal-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti, kemm *in linea* ta' *lucrum cessans* kif ukoll *in linea* ta' *damnum emergens.*

**(a) *Lucrum cessans:***

10. L-ewwel ilment tal-atturi appellanti jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li l-perċentwali ta' debilità totali li ġarrbet l-attriċi hija ta' 12%, u dan minkejja li l-espert mediku ortopediku ikkonstata debilità permanenti ta' 12% (minħabba d-deterjorazzjoni ortopedika f'sieqha) u l-espert mediku psikjatriku ikkonstata debilità permanenti ta' 15% (minħabba l-ansejtà u nevrosi trawmatika [PTSD]). Jilmentaw li bil-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li d-debilità totali hija ta' 12% jiġi li qisu rrikonoxxiet biss id-debilità ortopedika u injorat id-debilità psikjatrika. Isostnu li l-*weighted average* kellu jirrispekkja ż-żewġ debilitajiet u għalhekk kellu jkun aktar minn 12%. Jargumentaw li anke jekk ir-rata ta' debilità permanenti hija

fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tali diskrezzjoni għandha tkun waħda ben fondata u motivata.

11. Mhux minnu li l-Ewwel Qorti "injorat" il-ħsara psikika li ġarrbet l-attriċi meta kkonkludiet li perċentwal tad-debilità totali hija dik ta' 12%. Fil-fatt irrikonoxxiet li "*Fil-każ ta' llum jidher illi vittma tal-inċident ġarrbet mhux biss ħsara fiżika iżda anke ħsara mentali*". Hija però qieset li, kif inhu insenjat mill-ġurisprudenza nostrana, sabiex tkun tista' tasal biex tilliwikda somma ta' danni xierqa bħala kumpens, trid tkun taf kemm il-ħsara mġarrba mill-vittma tkun ser tolqotha fl-assjem tal-attività tagħha (*whole person impairment*); u li meta *si tratta* ta' iktar minn perċentwal wieħed ta' debilità ma jfissirx li dawn għandhom jiġu akkumulati b'mod matematiku bir-riżultat li l-perċentwal globali jkun sproporzjonat għall-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, iżda għandhom jiġu "*weighted"* f'perċentwal globali.

12. F'każijiet bħal dan ta' llum, fejn ikun hemm iktar minn perċentwal wieħed ta' debilità, il-Qrati tagħna fil-fatt jikkalkulaw l-hekk imsejjaħ "*weighted average*". Din il-Qorti jidhrilha li huwa utli li tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza f'dan ir-rigward, fejn wieħed jista' jara kif anke ġiet stabblita formola sabiex wieħed jasal għal dan il-"*weighted average":*

- **<u>Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited et</u>**:

(913/2000, Qorti tal-Appell Superjuri[7], 31.01.2014)

> *"Skont il-gurisprudenza, meta persuna ssofri diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li l-multiplicita` tal-feriti jigu komputati komplessivament. Bil-weighted average ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi tal-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat (ara* ***Cassar Pullicino noe et v. Xuereb et****, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2009)."*

- **<u>Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella</u>**:

(674/14, Qorti tal-Appell Superjuri[8], 04.05.2022)

> *"Il-Qorti tosserva li l-istess Psikjatra ta żewġ rati differenti ta' diżabilità permanenti minħabba li kkonstata li l-appellat kien żviluppa żewġ kondizzjonijiet psikjatriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, u ċioe` depressjoni li huwa vvaluta li qed tikkawża lill-appellant diżabilità permanenti ta' 12% u post-traumatic stress disorder li huwa vvaluta li qed tikkawża diżabilità permanenti ta' 14%. Il-Psikjatra imbagħad ikkalkola rata ta' diżabilità ta' 24% billi użu din il-formola: (100-14)x12/100+14 = 24%. Fil-fehma tal-Qorti però, ir-rata ta' diżabilità kellha tiġi ffissata billi jittieħed weighted average taż-żewġ rati ta' diżabilità, u dan kif inhi l-prassi ġenerali fil-ġurisprudenza. Il-kalkolu tar-rata ta' diżabilità permanenti sofferta mill-appellat għalhekk kellu jsir hekk:*
> *(14 x 14) + (12x12) = 340 ÷ (14 + 12) = 13%."*

- **<u>Lawrence Camilleri et v. Construct Furniture Co. Ltd</u>**:

---

[7] SC/TM/NC
[8] MCH/JRM/TM

(180/18, Qorti tal-Appell Superjuri[9], 26.10.2022)

*"29. Il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li meta persuna ssofri gradi ta' diżabilita permenanti, għandu jiġi addottat kriterju ta' weighted average. B'dak il-metodu ".... għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat" (**Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited tal-31 ta' Jannar 2014**).*

*30. Bil-formula li użat l-ewwel Qorti, ir-rata ta' debilità hi 28%[10]:*

*(100 – 20) x 10 = 800/100 = 8 + 20 = 28%.*

*31. Skont l-aħħar sentenza ta' din il-Qorti (**Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella** tal-4 ta' Mejju 2022), il-weighted average jiġi kalkolat hekk:*

*(20 x 20) + (10 x 10) = 500/ (20 + 10) = 16.67%.*

*…*

*33. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li debilità permanenti ta' 17% hi biżżejjed għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans."*

- **Lee Tanti v. Clayton Bugeja et**:

(763/2017, Qorti tal-Appell Superjuri[11], 21.05.2024)

*"46. Skont ir-rapport tal-esperti, hemm diżabilità newroloġika ta' 12%, 10% nuqqas ta' sensazzjoni u 2% syndrome (post-konkussjonali) u diżabilità ta' telf ta' smigħ ta' 27%. L-attur jilmenta li jekk diżabilità partikolari kienet tammonta għal 27% ma jista' qatt ikun li d-diżabilità globali tkun inqas minn hekk. Ma nġabet l-ebda prova li l-persentaġġ*

[9] MCH/GCD/AE
[10] L- Ewwel Qorti għamlet referenza għall-abbozz ta' regolamenti għal-likwidazzjoni ta' danni f'każ ta' mewt u nkapaċità li nħarġu fl-2010 mill-Ministeru tal-Ġustizzja, li però qatt ma saru liġi.
[11] MCH/RGM/GM

*ta' 36% mhuwiex tajjeb.*

*47. Il-konvenuti min-naħa tagħhom isostnu li:*

***(1)** l-10% kien skont il-formola addottata minn abbozz ta' liġi. Mil-lat mediku, hemm element soġġettiv għaliex it-test tas-sensazzjoni jiddependi kompletament fuq dak li jgħid il-pazjent waqt it-test. Ma jidhirx li kien hemm ħsara fin-nervaturi tar-riġlejn. Dr Aquilina, in vista ta' dan, in kontroeżami ħasset li kellha takkorda 8% diżabilità.*

*48. Din il-Qorti taqbel li d-diżabilità ta' 10% għandha titnaqqas għal 8%.*

***(2)** In-nuqqas ta' smigħ seta' jiġi ndirizzat permezz ta' hearing aid u allura d-debilità mhix waħda permanenti. Iċċitaw sentenza ta' din il-Qorti li naqqset il-persentaġġ minn 35% ghal 25% minħabba li l-pazjent f'testijiet simili jkollu t-tendenza li jesaġera sabiex jiżdiedlu l-kumpens.*[12] *Għalhekk il-perċentwal ta' 27% ukoll għandu jitnaqqas.*

*49. Din il-Qorti ma taqbilx li d-diżabilità mhix permanenti għaliex tista' tiġi ndirizzata permezz ta' hearing aid. Lanqas tara raġuni għala għandu jkun hemm tnaqqis mir-rata ta' 27%.*

***(3)** Il-formola li għandha tiġi użata hija dik skont il-formola addotata fis-sentenza **Camilleri v Construct Furniture**[13] biex jiġi ddeterminat il-weighted average hija:*

$$(27x27) + (2x2) + (8x8) = \frac{797}{27+2+8} = 21.5\% \ (27+2+8)$$

*Dan il-persentaġġ huwa bla preġudizzju għat-talba għal riduzzjoni tal-persentaġġi tad-diżabilitajiet rispettivi maħdumin mill-esperti mediċi.*

***(4)** Fis-sentenza **Camilleri v Construct Furniture**, il-perċentwali tal-weighted average kien inqas mill-ogħla perċentwali ta' diżabilità. Għalhekk l-argument f'dan is-sens tal-attur ma jreġix; huwa appuntu għalhekk li teżisti l-formola, sabiex biha jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi sabiex dan ikun jirrifletti aħjar it-tnaqqis fl-industrial efficiency.*[14]

*50. Din il-Qorti tinnota li l-esperti waslu għall-weighted average skont formola li tinstab fl-abbozz ta' liġi,*[15] *li hija differenti mill-formola użata*

[12] **Francis Abela v. Carmel Spiteri** 26.04.2013 Qorti tal-Appell.
[13] **Lawrence Camilleri v. Construct Furniture Company Ltd**. 26.10.2022 Qorti tal-Appell.
[14] **Degiorgio v. De Crema** 28.01.2004
[15] L-espert mediku Mr Kenneth Muscat in kontroeżami a fol 817.

*minn din il-Qorti.*

*51. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tuża' l-formola tal-weighted average li qiegħda tintuża' minnha stess. Lanqas ma tara raġuni l-għala l-weighted average ma jistax ikun inqas mill-ogħla rata ta' xi diżabilità partikolari. Kemm għaliex rata bħal din issir mil-lat mediku u mhux mil-lat ta' effiċjenza industrijali kif ukoll billi tkun tirreferi biss għad-diżabilità f'organu partikolari.*

*52. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti il-weighted average għandu jkun ta' 21.5% kif suġġerit mill-konvenuti."*

13. Bil-formola applikata mill-Qrati tagħna għall-każ tal-lum jiġi li l-*weighted average* fir-rigward taż-żewġ perċentwali ta' debilità kif stabbiliti mill-espert ortopediku (12%) u l-espert psikjatriku (15%) huwa ta' 13.67%:

**(12x12) + (15x15) = 369/(12+15) = <u>13.67%</u>**

li huwa ftit iżjed minn dak stabbilit mill-Ewwel Qorti.

14. Issa l-Ewwel Qorti spjegat li hija waslet għal dan il-perċentwal globali ta' 12% wara li qieset is-segwenti:

*"…meta tqis l-età, is-saħħa, il-limitazzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi li ġarrbet u li għad trid tibqa' ġġarrab, il-Qorti tqis li l-attriċi ġarrbet perċentwali ta' debilità totali ta' tnax fil-mija (12%). Il-Qorti qieset ukoll illi l-qagħda psikoloġika tal-attriċi tjiebet mid-data tal-inċident 'il quddiem tant milli mill-atti jirriżulta li qiegħda toħroġ u saħansitra anke ssuq meta tkun waħedha u qiegħda wkoll torqod aħjar."*

15. Propju għaliex l-Ewwel Qorti dehrilha li l-qagħda psikoloġika tal-attriċi tjiebet, senjatament "*għaliex qiegħda toħroġ, issuq waħedha, u anke torqod aħjar*" jidher li naqqset id-diżabilità psikika ta' 15% biex imbagħad waslet għall-perċentwal globali ta' 12%. (Fil-fatt li kieku applikat il-formola li qiegħda tintuża mill-Qrati tagħna, b'*weighted average* ta' 12% u diżabilità ortopedika ta' 12% kien ifisser li rriduċiet id-diżabilità psikika minn 15% għal 12%).

16. Din il-Qorti tosserva però li sussegwentment għad-data tal-22 ta' Jannar 2019 (sentejn u xahar wara l-inċident) meta l-attriċi ġiet eżaminata mill-espert psikjatriku ma ġew prodotti l-ebda provi ulterjuri dwar il-qagħda psikoloġika tagħha li setgħu iġġustifikaw xi tnaqqis mill-perċentwal ta' 15% kif stabbilit mill-istess espert psikjatriku. Il-fatt li kienet qiegħda toħroġ u ssuq diġà jirriżultaw mill-provi li ġew prodotti qabel l-eżami tal-espert psikjatriku kif ukoll minn dak rapportat fir-rapport mill-espert psikjatriku stess; kwantu għall-problema tal-irqad, sad-data li ġiet eżaminata mill-espert psikjatriku jidher li din fil-fatt kienet għadha tippersisti.

17. Fir-rapport tiegħu l-espert psikjatriku irriproduċa s-segwenti verżjoni mogħtija mill-attriċi dwar il-konsegwenzi tal-inċident kif ġej (sottolinejar ta' din il-Qorti):

*"Għamilt xi ħmistax hemm ġew, is-CCU. Bdejt nhewden u nara xeni quddiem għajnejja relatati mal-inċident. It-tabib ħarġini fis-sala tan-nisa u wara 3 ġimgħat bagħtni d-dar. Qattajt ħafna ħin fis-sodda u għamilt 4 xhur fil-wheelchair. Bil-lejl ma kontx norqod u bqajt inkwetata. Kont ġibt it-tabib tiegħi, Dr Xuereb Dingli, minħabba f' hekk u bdieli Xanax ® 0.5mg 0-0-1. Kont diġà nieħu xi mediċina li kien bdieli Dr Anton Grech xi 10 snin qabel minħabba depression li kelli dak iż-żmien.*

*Xi 6 xhur wara l-inċident mort rajt lil Dr Grech u irranġali xi mediċina. Żiedli:*
*Paroxetine 20mg 2-1-0*
*Fluoxetine 20mg 1-0-0*
*Mirtazepine 30mg 0-0-1*
*Lorazepam 1mg 2-2-2*

*Bqajt ma stajtx norqod u kont mort għand Dr Spiteri ftit wara. Hu kien bdieli Flupenthixol 0.5mg 0-0-1 u kont mort tajjeb bihom.*

*Mill-inċident 'l hawn m'għadni nagħmel xejn. Kont nagħmel ħafna faċendi, rabbejt 5 tfal, illum xejn. Inqum, ninħasel u hwa Illum, wara sentejn, li bdejt naħsel xi platt. Nagħmel ftit diamond painting, imbagħad ninfaqa' nibki u nagħmel dwejjaq u nissakkar ġewwa. Noħroġ ftit, sal-MacDonalds nieħu kafe, kumplament xejn.*

*3 xhur ilu erġajt bdejt insuq. Dwejjaq jaqbadni l-ħin kollu, l-agħar hekk għall-għasar. Qatt ma kelli ħsibijiet inneħħi ħajti b'idi, pero m'għandix futur. Ikolli ħolm ikrah fuq l-accident u li ħabtu t-tfal, ħolm ġdid u dejjem ikrah.*

*Minn l-accident 'l hawn anqas moħħ in-neputijiet ma jkolli (għandi 7). Jiġu d-dar u ma jkollix aptithom. L-aptit ta' ikel bħalissa allright, però 6 xhur ilu kont diżastru, kelli ħafna stress u dwejjaq.*

*L-għarqub isfel baqa' mfarrak, għandi nara lill-professur biex forsi joperani. Issa dik mhux ġerha oħra? Nitkaxkar biex nitla' t-taraġ illum.*

*Lil Grech biddiltu għax kont bil-mediċini li kien tani xorta ma bqajtx norqod.*

*Meta ngħaddi mit-toroq tal-accident ngħaddi bil-mod ħafna."*

18. Meqjus dan kollu din il-Qorti ma tarax li hemm xi provi li

jiġġustifikaw riduzzjoni mill-perċentwal ta' 15% stabbilit mill-espert psikjatriku. **Konsegwentement issib li l-*weighted average* ta' diżabilità li fuqu għandhom jiġu likwidati d-danni huwa dak ta' <u>13.67%</u>** (kif maħduma minn din il-Qorti skont il-formola li tintuża mill-Qrati tagħna) u mhux dak ta' 12% li waslet għalih l-Ewwel Qorti.

19. <u>It-tieni ilment</u> tal-atturi appellanti jirrigwarda l-<u>*multiplier*</u>. Huma ħassewhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti addottat *multiplier* ta' 8 snin. Ifakkru li meta seħħ l-inċident l-attriċi kellha 54 sena, kienet mara tad-dar b'saħħitha u tagħmel il-faċendi kollha, mentri llum tiddependi fuq l-għajnuna ta' bintha, u dan kemm minħabba d-dipressjoni li waqgħet fiha u kif ukoll minħabba l-mobbiltà limitata tagħha. Jaċċennaw għall-fatt li l-Qrati tagħna dejjem irritenew li l-attività ta' mara tad-dar ma tiqafx mal-età tal-pensjoni. Isostnu li fiċ-ċirkostanzi ma kellux jiġi applikat *multiplier* ta' inqas minn 23 sena.

20. Jibda biex jingħad li l-*multiplier* applikat f'każijiet bħal dan tal-lum ġeneralment ikun inqas min-numru ta' snin li l-vittma in kwistjoni jkun fadlilha sabiex tilħaq l-età ta' irtirar tagħha. Rilevanti huwa s-segwenti bran ċitat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[16] fis-sentenza mogħtija minnha fil-

[16] GM

15 ta' April 2019[17] fil-kawża fl-ismijiet **Christine Vella v. Michaela Vella**, dwar il-kunsiderazzjonijiet li għandhom isiru fil-kalkolazzjoni tal-*multiplier*:

> "*Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of **estimation in the light of the facts** of the particular case and of other comparable cases"*[18] *;*

21. Issa fil-każ ta' vittimi li huma nisa tad-dar iċ-ċirkostanzi huma kemmxejn differenti għaliex kif kullħadd jaf, ix-xogħol ta' mara tad-dar ma jispiċċax mal-età tal-irtirar. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza rigwardanti każijiet fejn il-vittimi kienu nisa tad-dar, u fejn il-*multiplier* applikat kien jiżboq is-snin li kien fadal sabiex tali nisa jilħqu l-età ta' irtirar rispettiva tagħhom:

- **<u>Saviour Sammut et v. Robert Demanuele</u>**:

(326/1998, Prim'Awla[19], 12.07.2002, mhux appellata)

> *"Meta gara l-incident l-attrici kellha 65 sena u stante li bhala mara tad-dar ix-xoghol taghha ma jieqafx mal 61 sena , izda billi jrid jigi stabilit limitu, multiplier ta' 8 snin ikun xieraq f'dan il-kaz."*

[17] Is-sentenza ġiet appellata, iżda fi kwalunkwe każ dan il-bran jibqa' ta' rilevanza.
[18] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122.
[19] SC/RCP/TM

♦ **Sylvia Rosso v. Etienne Galea**:
(1157/2000, Prim'Awla[20], 03.04.2003, mhux appellata)

> *"Fil-jum tal-inċident l-attriċi kellha ħamsa u sittin (65) sena;*
> *…*
> *…il-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-grieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu[21]. L-istess jingħad għall-każ fejn il-persuna mġarrba tkun qabżet l-eta' tal-pensjoni[22];*
> *…*
> *Illi għar-rigward tal-multiplier, il-Qorti taqbel għal kollox mal-kriterji msemmija mill-attriċi, u tqis li fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtijin fl-aħħar żminijiet, u wkoll minħabba li huwa statistikament ippruvat li l-aspettativa ta' ħajja f'Malta hija itwal minn dik ta' raġel b'xi sentejn fil-każ ta' mara, sejra tadotta multiplier ta' għaxar (10) snin;"*

♦ **Iris Cassar et v. Francis Gauci**:
(1249/1992, Qorti tal-Appell Superjuri[23], 09.11.2012)

> *"Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta li l-appellata kellha 45 sena meta sehh l-incident u din il-Qorti thoss li l-multiplier adoperat ta' 25 sena huwa accettabbli tenut kont li x-xoghol ta' mara tad-dar ma jispiccax meta hija taghlaq il-65 sena. Fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fuq dan il-punt…"*

♦ **Carmen Borg v. Eric Zammit**:

(9/2012, Prim'Awla[24], 11.12.2013, mhux appellata)

> *"Ukoll fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Frar, 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili Imhallef Dr.R. Pace LL.D. fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Gauci v. Saviour Magri et**" fejn, fuq l-iskorta tas-sentenza fl-ismijiet "**Olga Busuttil et v. Raymond Muscat**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Giannino Caruana Demajo LL.D. fis-6 ta' Gunju, 1997, dik il-Qorti kkunsidrat illi:*

---

[20] JRM
[21] Ara,per eżempju, App. Ċiv. 19.9.1973 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Żammit et v. George Beżżina**; u App. Ċiv. 16.1.1984 fil-kawża fl-ismijiet **Apap v. Degiorgio**
[22] Ara, per eżempju, P.A. NA 29.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Ċini v. George Wells et noe**; u P.A. GV 12.7.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Saviour Sammut v. Robert Demanuele**
[23] GV
[24] LFS

> *"fil-mument tal-incident hija [l-attrici] kienet mara tad-dar u kellha 61 sena u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma huwiex xoghol li tirtira minnu bil-pensjoni wara certu eta' u ghalhekk thoss li 'multiplier' xieraq f'dan il-kaz ghandu jkun ta' tmien (8) snin".*

22. Fil-każ tal-lum l-attriċi kellha 54 sena meta seħħ l-inċident fl-2016. Dan ifisser li twieldet fl-1962, u għalhekk l-età tal-pensjoni hija dik ta' 65, ċjoè 11-il sena wara. Wara li din il-Qorti qieset li l-*multiplier* qatt ma jkun eżatt, id-differenza bejn l-età fiż-żmien li seħħet id-debilità u l-età tal-irtirar, iżda wara li qieset ukoll li x-xogħol ta' mara tad-dar jibqa' sejjer ferm lil hinn mill-età tal-irtirar, kif ukoll il-fatt li l-attriċi kienet mara b'saħħitha (anke jekk qabel l-inċident kienet tieħu kura għad-dipressjoni) **din il-Qorti tħoss li jkun ġust u ekwu fiċ-ċirkostanzi jekk jiġi applikat *multiplier* ta' 16-il sena**.

23. It-tielet ilment tal-atturi appellanti jirrigwarda l-fatt li d-danni nħadmu fuq €8,827.52 li kienet il-paga minima fis-sena tal-inċident u mhux fuq il-paga minima fis-sena tal-likwidazzjoni. F'dan ir-rigward huma jirreferu għas-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[25] fit-30 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **John Bugeja pen v. Carmelo Spiteri (579/83)DS** fejn id-danni ġew ikkalkulati fuq il-paga minima fid-data tal-likwidazzjoni. Huma jsostnu li l-paga minima kellha titqies li hija "dik

[25] DS, mhux appellata

preżenti" ta' €9,416.40[26] u li huwa dan l-ammont li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-likwidazzjoni.

24. L-Ewwel Qorti qieset ukoll li r-rata ta' inflazzjoni mis-sena 2015 għas-sena 2016 kienet dik ta' 0.64% u b'hekk ħadmet id-danni fuq €8,884.02 (€8,227.52 x 0.64%). L-atturi ma jgħidu xejn dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti applikat din ir-rata ta' inflazzjoni u għalhekk isegwi li fuq l-ammont ta' <u>€9,416.40</u> (il-paga minima għas-sena 2021) qegħdin jippretendu li għandha tiġi applikata r-rata ta' inflazzjoni mis-sena 2020 għas-sena 2021, li tiġi 1.5%, u għalhekk jiġi li qed jippretendu li d-danni jinħadmu fuq <u>€9,557.65</u> (€9,416.40 x 1.5%).

25. Din il-Qorti *invece* hija tal-fehma li l-aħjar mod ta' kif għandu jiġi kkalkulat l-introjtu (f'dan il-każ il-paga minima) tul is-snin huwa:

(i) billi tiġi stabbilita r-rata ta' inflazzjoni medja mis-sena tal-inċident 'l hawn,

(ii) imbagħad bl-applikazzjoni ta' tali rata ta' inflazzjoni medja jinħadem l-introjtu individwalment għal kull sena tal-*multiplier*, u

---

[26] Fil-fatt skont il-A.L.467/2020 il-paga minima għas-sena 2021 għal persuni ta' 18-il sena u iktar hija **€181.08,** li jfisser li għas-sena kollha (x52) hija ta' **€9,416.16**

(iii) finalment tittieħed il-medja tagħhom[27].

26. Wara li rat l-iskeda tal-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena li tinsab mal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tal-Art. 13(1) tal-istess Kapitolu, u wara li qieset ir-rati tal-inflazzjoni mis-sena 2016 (meta seħħ l-inċident) sas-sena 2023 (li hija l-aħħar rata disponibbli fiż-żmien tal-likwidazzjoni) din il-Qorti sabet li **r-rata ta' inflazzjoni medja hija dik ta' 2.27%**, kif jirriżulta mis-segwenti tabella:

| **Sena** | **Indiċi tal-inflazzjoni** | **% mis-sena preċedenti** |
|---|---|---|
| 2015 | 832.95 | |
| **2016** | **838.29** | **0.64 (sena tal-inċident)** |
| 2017 | 849.77 | 1.37 |
| 2018 | 859.63 | 1.16 |
| 2019 | 873.73 | 1.64 |
| 2020 | 879.32 | 0.64 |
| 2021 | 892.51 | 1.50 |
| 2022 | 947.40 | 6.15 |
| 2023 | 995.62 | 5.09 |
| | | **18.19 ÷ 8 = 2.27% (inflazzjoni medja)** |

27. Fis-sena 2016 il-paga minima kienet €8,827.52. B'rata ta' inflazzjoni medja ta' 2.27% ifisser li fuq medda ta' sittax (16)-il sena l-

[27] Ara f'dan ir-rigward **Catherine Mifsud v. Josef Vella** (Q. Appell, 25.10.2023). F'tali sentenza l-introjtu medju kien inħadem fuq (1) l-introjtu fiż-żmien tal-inċident u (2) l-introjtu fiż-żmien tal-inċident immultiplikat bir-rata medja tal-inflazzjoni għas-snin tal-*multiplier*. Din il-Qorti tal-Appell fil-każ tal-lum, għal ftit iktar preċiżjoni, qiegħda taħdem l-introjtu medju fuq (1) l-introjtu fiż-żmien tal-inċident u (2) l-introjtu maħdum individwalment għal kull sena tal-*multiplier*.

introjtu ta' kull sena tal-*multiplier* huwa kif jirriżulta mis-segwenti tabella:

| **Sena** | **Introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Inflazzjoni ta' €2.27% fuq l-introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Introjtu (€)** |
|---|---|---|---|
| **2016 (inċident)** | | | 8827.52 |
| 2017 | 8827.52 | 200.38 | 9027.89 |
| 2018 | 9027.89 | 204.93 | 9232.82 |
| 2019 | 9232.82 | 209.59 | 9442.41 |
| 2020 | 9442.41 | 214.34 | 9656.75 |
| 2021 | 9656.75 | 219.20 | 9875.95 |
| 2022 | 9875.95 | 224.18 | 10100.13 |
| 2023 | 10100.13 | 229.27 | 10329.40 |
| 2024 | 10329.40 | 234.48 | 10563.88 |
| 2025 | 10563.88 | 239.80 | 10803.68 |
| 2026 | 10803.68 | 245.24 | 11048.92 |
| 2027 | 11048.92 | 250.81 | 11299.73 |
| 2028 | 11299.73 | 256.50 | 11556.23 |
| 2029 | 11556.23 | 262.33 | 11818.56 |
| 2030 | 11818.56 | 268.28 | 12086.84 |
| **2031** | 12086.84 | 274.37 | 12361.21 |
| **TOTAL** | | | **168031.92** |

28. Għalhekk l-introjtu medju tul is-sittax (16)-il sena tal-*multiplier* huwa ta' **<u>€10,501.99</u>** (€168,031.92 ÷16). **Huwa dan l-ammont ta' €10,501.99, li diġà jikkomprendi fih l-inflazzjoni għal tul is-sittax(16)-il sena tal-*multiplier*, li għandu jittieħed in konsiderazzjoni bħala l-ammont tal-introjtu għall-finijiet tal-likwidazzjoni.**

29. <u>Ir-raba' ilment</u> tal-atturi appellanti jirrigwarda t-tnaqqis ta' 16% bħala *lump sum payment deduction* li ġiet applikata mill-Ewwel Qorti. Isostnu li l-ġurisprudenza riċenti hija fis-sens li *in vista* tar-rati ta' mgħax baxxi li qegħdin jagħtu l-banek illum il-ġurnata m'hemmx iktar lok illi ssir

*lump sum deduction*. Is-sentenzi li jirreferu għalihom f'dan ir-rigward huma s-segwenti:

**(i)** **Sharon Coleiro v. Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla**
(Prim'Awla, 12.01.2021)

**(ii)** **Benigno Vella v. Wasteserv Malta Ltd**
(Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, 09.02.2021)

**(iii)** **Joanna Hili v. John Martin et**
(Prim'Awla, 12.01.2021)

**(iv)** **Trevor Grech v. Lawrence Agius**
(Prim'Awla, 17.10.2021)

30. Fil-każ tal-ewwel tnejn dawn ġew appellati u għadhom *sub judice* u għalhekk mhux ser jitqiesu.

31. Fil-każ ta' **Joanna Hili v. John Martin et**, il-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili[28] kienet qalet hekk fir-rigward tal-*lump sum payment deduction*:

> *"Din il-Qorti, kif ippreseduta, ma tagħtix tnaqqis għal lump sum payment billi l-imgħax tal-banek sar negliġibbli. Fil-każ preżenti hemm ukoll il-kunsiderazzjoni li l-inċident ġara 14-il sena ilu."*

32. Għalkemm din is-sentenza ġiet appellata, u għalkemm din il-Qorti tal-Appell kienet varjatha fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022, ma kienet għamlet l-ebda kunsiderazzjonjiet dwar il-*lump sum payment deduction, stante* li ma kienx hemm aggravji fir-rigward.

33. Kwantu għall-kawża **Trevor Grech v. Lawrence Agius** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[29] kienet qalet hekk fir-rigward tal-*lump sum payment deduction:*

> *"Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħdha tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. an iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tallum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat;"*

34. Din is-sentenza però ġiet appellata u din il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza mogħtija minnha fil-15 ta' Ġunju 2023 applikat *lump sum payment deduction* ta' 2% tenut kont tal-fatt li kienu għaddew disa' (9)

[28] GM
[29] GM

snin minn meta nbdew il-proċeduri sakemm il-kawża ġiet deċiża finalment (ċjoè tnaqqis ta' 2% minn 20% għal kull sena li l-kawża damet biex tiġi deċiża). Hija irriteniet hekk:

> *"82. Il-konvenut appellant iżda jgħid fl-appell tiegħu, li kull somma likwidata favur l-attur appellat għandha tkun soġġetta għar-regola tal-lump sum reduction fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara* ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).*
>
> *83. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża iddum biex tiġi deċiża (ara* ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022,* ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020,* ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u* ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).*
>
> *84. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-lump sum payment għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara* ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022,* ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021,* ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020****, Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u* ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).*
>
> *85. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara* ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021,* ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021,* ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u* ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).*

> *86. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata disa' snin wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti tara li għandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 2% mis-somma likwidata."*

35. Wara li kkunsidrat is-suċitat, u wara li ikkunsidrat il-fatt li din il-kawża ħadet seba' (7) snin biex tiġi deċiża finalment, din il-Qorti jidhrilha li għandu jiġi applikat ***lump sum payment deduction* ta' 6%.**

36. Għalhekk l-ammont dovut *in linea* ta' *lucrum cessans* huwa ta' **€21,591.75**, li ġie kkalkulat hekk:

€10,501.99 (introjtu li jinkludi l-inflazzjoni kkalkulata tul is-16-il sena)

x 16 (*multiplier*)

x 13.67% (*weighted average* ta' 12% u 15%)

= €22,969.95
\- €1,378.20[30] (*6% lump sum deduction*)
**= €21,591.75**

**(b) *Damnum emergens:***

37. L-Ewwel Qorti illikwidat id-danni emerġenti fl-ammont ta' **€7,366.24** (€7,306.24 marbuta mal-kura tal-attriċi konsegwenza tal-inċident, u €60 rappreżentanti l-ispiża tal-iskrappjar tal-vettura).

[30] 6% ta' €22,969.95 = €1,378.20

38. L-ewwel ilment tal-atturi appellanti huwa li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-kumpens li l-attriċi qiegħda tħallas lil bintha biex din tkun tista' tgħinha fil-bżonnijiet tad-dar tagħha. Jenfasizzaw li din il-bint ħalliet xogħlijiet oħra biex iddedikat ruħha ħalli tkun tista' tgħin lil ommha u jgħidu li "*huwa biss ġust li din qed tingħata xi forma ta' kumpens minn l-omm kif imsemmi u kif indikat mill-provi*."

39. Fl-affidavit[31] tagħha bint l-attriċi Rosabella Saliba, xehdet li ommha tagħtiha €150 fix-xahar bħala kumpens talli tgħinha, iżda ma semmietx li kellha tħalli xi impiegi sabiex tkun tista' tagħmel dan:

> *"…ommi qabel l-inċident kienet mara attiva u tax-xogħol. Kienet dejjem għaddejja jew taħsel l-art, tfarfar, jew tlesti l-ikel….illum dan inbidel ta' taħt fuq tant illi ommi trid min jieħu ħsiebha l-ħin kollu u mhux tieħu ħsiebna hi. Spiċċajt immur għax-xogħol (naħdem shift ta' tnax-il siegħa) u x' ħin immur id-dar ikun baqagħlil nagħmel kollox jien. Fejn qabel kont insib kollox lest, bħal ħwejġi u ikel, issa spiċċajt li dan irrid nagħmlu jien apparti t-tindif li jkun hemm bżonn…….*
>
> *…Nixtieq ngħid illi ommi tikkompensani ta' dak kollu li nagħmel magħha. Ovvjament ma tħallasnix għal dak kollu li nagħmel magħha, għax lanqas tista'. Imma miskina dejjem tagħtini mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar. Ilha ttihomli minn dakinhar tal-inċident."*

40. Kontroeżaminata[32] ikkonfermat li taħdem *shift* ta' tnax-il siegħa u li qabel l-inċident kienet diġà taħdem. Ikkonfermat ukoll li ommha tikkumpensaha talli ddur biha. Qalet li għadha toqgħod id-dar u tagħmel

[31] Fol 63-64
[32] Kontroeżami tat-12 ta' Diċembru 2018

kollox hi.

41. Ma jirriżultax għalhekk li bintha kellha tħalli xi xogħlijiet oħra sabiex tiddedika ruħha biex tgħin lil ommha. Anzi, kif jargumenta l-konvenut appellat, il-provi juru l-kuntrarju. Għalhekk ma ġiex pruvat li bint l-atturi kellha titlaq minn xi xogħol sabiex tieħu ħsieb ix-xogħol tad-dar li qabel l-inċident kien isir mill-attriċi. Din il-Qorti taqbel mal-konvenut appellat li kwalunkwe kumpens li l-attriċi qiegħda tagħti lil Rosabella diġà jinsab fil-kumpens li ġie likwidat *in linea* ta' *lucrum cessans*.

42. <u>It-tieni ilment</u> tal-atturi appellanti jirrigwarda r-riċevuta maħruġa mill-ħanut "*The Photoshop*". Din tinsab esebita a fol 92 u hija fl-ammont ta' €6. Fir-rigward ta' din ir-riċevuta l-Ewwel Qorti kienet qalet li ma setgħet issib l-ebda ness loġiku bejn tali riċevuta u l-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi u għalhekk ma kkunsidrathiex. L-atturi appellanti jgħidu li tali riċevuta tirrigwarda "*danni relatati minn ritratti illi ġew esebiti f' dawn il-proċeduri li kienu ġew meħuda minn Max Xuereb li kien il-fotografu imqabbad mill-Pulizija waqt l-inċident de quo*". Iżda kif wieġeb il-konvenut appellat, ma jirriżulta minn imkien li din l-ispiża kienet relatata mal-inċident u mhux ammess li f'dan l-istadju l-atturi jippruvaw jagħtu spjegazzjoni ta' dak ippreżentat minnhom meta din il-ħaġa suppost saret qabel.

43. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tvarja l-ammont likwidat *in linea* ta' danni emerġenti.

**DECIDE**

44. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' limitatament l-appell tal-atturi u konsegwentement qiegħda tvarja s-sentenza appellata billi:

- tħassarha in kwantu d-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* ġew likwidati fl-ammont ta' sebat elef, mija u erbgħa u sittin ewro u sebgħa ċentemżi (€7,164.07) u b'hekk it-total tad-danni ġew likwidati fl-ammont ta' erbatx il-elf, ħames mija u tletin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€14,530.31) (€7,164.07 + €7,366.24) ;

- ***invece* qiegħda tillikwida d-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, ħames mija u wieħed u disgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€21,591.75) u b'hekk it-total tad-danni qiegħed jiġi likwidat fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, disgħa mija u sebgħa u ħamsin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€28,957.99)(€21,591.75 + €7,366.24);**

- u tikkonfermaha fil-kumplament, u sa fejn kompatibbli mal-kunsiderazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza.

45. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenut appellat.

46. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu tnejn minn tlieta ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut u wieħed min tlieta ($^{1}/_{3}$) mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da